be HOLD

# Infaħħru lil Marija

J. Cruger Addattata għall-Malti minn Dun Frans Farrugia

```
  D            A
Infaħħru lil Marija
       A7              D
L-omm t'Alla u tal-bnedmin
     D7             G   Em
Ngħannulha l-isbaħ għanja
     A                D
Bil-ferħ ta' qlub safjin.

Rit:   G           D
     Marija omm ħanina
          G           A
     Minn qalbna nitolbuk
          Bm          G  Em
     Għallimna dejjem iżjed
         A       A7   D
     Ta' wliedek inħobbuk.

Int l-isbaħ fost il-ġilji
Li jgħammru fil-widien
Il-ġmiel tal-bjuda tiegħek
Hu l-għaxqa ta' kull żmien.   Rit:

Il-vjola l-iżjed ħelwa
Li tfewwaħ ħdejn is-sies
Hi xbieha l-iżjed ċkejkna
Ta' rżintek mingħajr qies.    Rit:

M'hemmx warda ġewwa l-ġonna
M'hemmx kewkba fis-smewwiet
Li ġmielhom int ma tisboq
Ja omm tal-imħabbiet.         Rit:

Int tgħaġġeb bi qdusitek
Kemm anġli u qaddisin
Sultana isellmulek
Bi ġmielek imgħaxxqin.        Rit:
```

D G A A7 D7 Em Bm

